**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Lulju, 2024**

**Talba Nru: 92/2023MD**

**Alexander Azzopardi (0433084M) għan-nom u in rappreżentanza ta' Agribrands Limited (C98314)**

**Vs**

**Regan Rosales Mahinay (ID 0348840A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-22 ta' Marzu, 2023[1] permezz ta' liema l-attur għan-nom u in rappreżentanza ta' Agribrands Limited talbet li l-konvenut jiġi kkundannat sabiex iħallas l-ammont ta' elfejn, tlett mija, ħamsa u erbgħin Ewro (€2,345.00) rappreżentanti ftehim iffirmat mill-partijiet; bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat bl-Avviż, ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher għas-seduti tal-4 ta' Lulju, 2024[2], u tad-9 ta' Lulju, 2024[3].

---

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess.
[2] *A fol* 36 tal-proċess.
[3] A fol 38 tal-proċess.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tal-attur in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tal-4 ta' Lulju, 2024[4] u fil-fatt il-konvenut ma dehrx sabiex jirrispondi għalih għas-seduta tad-9 ta' Lulju, 2024.[5]

Ra x-xhieda ta' Alexander Azzopardi in rappreżentanza tas-soċjeta' Agribrands Limited[6] li kkonferma li hu d-Direttur tas-soċjeta' imsemmija u li l-ammont ta' elfejn, tlett mija, ħamsa u erbgħin Ewro (€2,345.00) kif jirriżulta mill-kostituzzjoni ta' debitu ffirmata bejn il-partijiet li ppreżenta seduta stante[7] u kkonferma, għadu dovut.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mix-xhieda ta' Andrew Azzopardi u l-kostituzzjoni ta' debitu ppreżentata u kkonfermata minnu[8] li jindika l-ammont dovut.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba attriċi billi jikkundanna lil konvenut iħallas is-somma ta' ta' elfejn, tlett mija, ħamsa u erbgħin Ewro (€2,345.00) lill-attur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Agribrands Limited, bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[4] *A fol* 37 tal-proċess.
[5] *A fol* 38 tal-proċess.
[6] *Ibid*, xhieda datata 23 ta' April, 2024.
[7] *A fol* 39 *et seq* tal-proċess.
[8] *Ibid*.